**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Diane Vella)**

**vs**

**Pauline Zahra**

**Kawza numru 01/2025**

**Illum, l-10 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Pauline Zahra** ta' 50 sena bint John u Filomena nee' Falzon, imwielda H'Attard nhar is-07 t'Awissu 1973, residenti ġewwa "Ta' Wejda Bldgs", Flt.10, Triq it-Torri, Mosta u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0341273M;

**Akkuzata** talli f'dawn il-Gzejjer u cioe nhar it-30 ta' Dicembru 2023 ghall-habta ta' bejn it-15.00hrs u l-16.30hrs kif ukoll fil-granet ta' qabel waqt li kont fi  Triq it-Torri, Mosta:

1. Ġibt ruħek b'tali mod li tajt fastidju lil Robert Paul Aquilina, lil Joachim Grech, lil Aaron Emanuel Baldacchino, lil Amy Fenech

Zarb u lil Henry Fenech meta kont taf jew messek kont taf li dan l-agir kien ta' fastidju għall-imsemmija persuni. Art. 251A(1)(a)(b) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess granet, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil Robert Paul Aquilina, lil Joachim Grech, lil Aaron Emanuel Baldacchino, lil Amy Fenech Zarb u lil Henry Fenech biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti/dixxendenti ahwa jew familjari ohra. Art. 251B (1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamilt lill Amy Fenech Zarb u lil Henry Zarb ingurji u /jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kont ipprovokata ingurjajt b'mod li hrigt 'il barra mil-limiti ta' provokazzjoni. Art 339(1)(e) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u/jew glied u/jew mod iehor. Art 338(dd) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet miltuba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Robert Paul Aquilina, Joachim Grech, Aaron Emanuel Baldacchino, Amy Fenech Zarb u Henry Fenech jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

---

[1] Folio 1 tal-process.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2025.[2]

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha fl-istess seduta tal-10 ta' Jannar, 2025.[3]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li tat lill-imputata zmien ragonevoli sabiex terga' tikkonsulta mal-Avukat li qed jassistiha f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputata reġghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha ghall-akkuża migjuba kontra taghha.[4]

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor:**

Illi f'din il-kawza l-imputata hija akkuzat illi nhar it-30 ta' Dicembru 2023 bejn it-15.00hrs u l-16.30hrs kif ukoll fil-granet ta' qabel waqt li kient fi Triq it-Torri, Mosta tat fastidju lil Robert Paul Aquilina, lil Joachim Grech, lil Aaron Emanuel Baldacchino, lil Amy Fenech Zarb u lil Henry Fenech, ikkagunatilhom biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti/dixxendenti ahwa jew familjari

---

[2]A folio 3 tal-process.

[3] A folio 3 tal-process.

[4] A folio 4 tal-process

ohra, ingurjat lil uhud minnhom u /jew heddidthom u/jew jekk kienet ipprovokata ingurjathom b'mod li harget 'il barra mil-limiti ta' provokazzjoni, kif ukoll volontarjament kisret il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u/jew glied u/jew mod iehor.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-lum l-10 ta' Jannar 2025 l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha. Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputata regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti issospendiet is-seduta u tatha zmien ragonevoli tirrikonsidra l-posizzjoni taghha u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputata l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li piena karcerarja f'dan il-kaz ma hiex idoneja.

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputata fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri u c-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251A(1)(a)(b), 251B(1), 339 (1)(e), 338(dd), u 382A tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputata **PAULINE ZAHRA HATJA** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata taghha stess, tal-akkuzi miġjuba kontriha, tqis li piena karcerarja mhix idoneja f'dan il-kaz u konsegwentamen qeghda wkoll tohrog Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittmi Robert Paul Aquilina, Joachim Grech, Aaron Emanuel Baldacchino, Amy Fenech Zarb u Henry Fenech.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Pauline Zahra fi kliem car u semplici din is-sentenza, kif ukoll l-obbligi taghha taht l-istess u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum l-10 ta' Jannar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur